MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**SILVIO MELI**

Seduta tad-19 ta' Novembru, 2013

Citazzjoni Numru. 602/2007

**GasanMamo Insurance Limited**
**(C – 3143) kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Zarb Garage Limited (C – 7125) u l-istess Zarb Garage Limited (C – 7125)**

**Vs**

**Roc A Go Crane Services Limited (C – 27553)**
**Anthony Theuma**
**Victor Micallef personalment**
**Kevin Bartolo**
**Salvatore Micallef**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat datat il-31 ta’ Mejju, 2007, li permezz tieghu r-rikorrenti sintetikament esponew is-segwenti:

1.1 Illi fil-31 ta’ Lulju, 2006, sehh incident fil-Qasam Insudtrijali taz-Zejtun li fih kienet involuta *crane* proprjeta` ta’ Victor Micallef u ta’ *Roc A Go Crane Services Limited* li kien qed jigi operat minn Kevin Bartolo, li nqalbet fuq vettura tal-marka Mercedes bin-numru ZGY – 001 proprjeta` ta’ *Zarb Garage Limited* u assikurata taht polza komprensiva mas-socjeta` *GasanMamo Insurance Limited*;

1.2 Illi ghall-incident *de quo* jahtu solidalment Anthony Theuma, Salvatore Micallef u Kevin Bartolo billi dawn kienu qed joperaw il-*crane* b’mod traskurat u negligenti, kiif ukoll Victor Micallef personalment u s-socjeta` *Roc A Go Crane Services Limited* li ippremettew li dan il-*crane* jintuza b’mod traskurat u negligenti;

1.3 Illi rizultat ta’ dan l-incident is-socjeta` rikorrenti *GasanMamo Insurance Limited* sofriet danni konsiderevoli, kemm imhabba l-hsarat li garrab il-Mercedes indikat precedentement, (ara paragrafu wiehed punt wiehed, (1.1), aktar qabel), li jammontaw ghal tnax –il elf u disgha mitt Lira Maltin, (LM12,900.00), u ghad-danni sofferti mis-socjeta` rikorrenti l-ohra *Zarb Garage Limited* li jammontaw ghal sitt elef Lira Maltin, (LM6,000.00);

1.4 Illi ghalkemm interpellati, l-intimati baqghu inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

1.5 Illi ghaldaqstant ir-rikorrenti aderew din il-qorti biex l-intimati jkollhom l-opportunita` jghidu ghaliex din il-qorti m’ghandhiex:

1.5.1. Tiddikjara li l-intimati, jew min minnhom, solidalment, huma responsabbli ghall-incident in kwistjoni u ghad-danni relattivi minnhom ikkagunati imhabba traskuragni u negligenza;

1.5.2. Tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrenti fl-ammont ta’ tnax –il elf u disgha mitt Lira Maltin, (LM12,900.00), jew somma ohra verjuri, fil-kaz ta’ GasanMamo Insurance

Limited u fl-ammont ta' sitt elef Lira Maltin, (LM6,000.00), jew somma ohra verjuri, fil-kaz ta' *Zarb Garage Limited*, okkorrendo permezz ta' periti nominandi;

1.5.3. Tikkundanna lill-intimati jew min minnhom *in solidum* biex ihallsu lir-rikorrenti dik is-somma hekk likwidata flimkien mal-imghax legali mid-data tal-ittra ufficcjali datata l-24 ta' Novembru, 2006;

1.5.4. Bl-ispejjez kif indikati fir-rikors promotur kontra l-intimati, (ara fol 2);

2.0. Rat ir-risposta guramentata tas-socjeta` *Roc A Go Crane Services Limited* u ta' Victor Micallef personalment datata s-27 ta' Gunju, 2007, li permezz taghha wiegbu s-segwenti:

2.1. Illi jrid jigi ipprovat lis-socjeta` rikorrenti giet surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha *Zarb Garage Limited*;

2.2. Illi l-intimati odjerni ma jahtux ghall-incident stante li:

2.2.1. La operaw it-*truck* in kwistjoni;

2.2.2. Lanqas ippermettew dan it-truck jintuza b'mod traskurat u negligenti;

2.3. Illi ghalhekk ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju;

2.4. Illi *di piu`*, qed jigi wkoll kontestat il-kwantum tad-danni reklamati;

2.5. Salv eccezzjonijiet ohra;

3.0. Rat ir-risposta guramentata ta' Anthony Theuma datata s-16 t'Ottubru, 2007, li permezz taghha sintetikament irrisponda bil-mod segwenti:

3.1. Illi ghandu jkun hemm prova konkreta tas-subrogazzjoni tad-drittijiet tas-socjeta` *Zarb Garage Limited*;

3.2. Illi l-intimat Theuma jichad kull responsabbilita` ghall-akkadut u ma jahtix ghall-incident in dizamina u jekk kien hemm traskuragni, m'ghandux jirrispondi ghaliha stante li dejjem kien serju f'xoghlu;

3.3. Illi ghalhekk ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju;

3.4. Illi *di piu`*, qed jikkontesta l-ammont ta' danni pretizi;

3.5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

4.0. Rat ir-risposta guramentata ta' Salvatore Micallef datata s-27 ta' Lulju, 2008, li permezz taghha sintetikament irrisponda bil-mod segwenti:

4.1. Illi l-procedura odjerna hi nulla stante li l-incident hu wiehed tat-traffiku u b'hekk kellu jigi inizjat fic-Centru Malti ghall-Arbitragg;

4.2. Illi jrid jigi ppruvat li s-socjeta` rikorrenti giet surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha *Zarb Garage Limited*;

4.3. Illi l-incident in kwistjoni ma sehhx tort tal-intimat Micallef izda minhabba forza magguri stante li cediet l-art fejn kien qieghed it-*truck* in kwistjoni;

4.4. Salv eccezzjonijiet ohra;

5. Rat id-digriet taghha diversament preseduta datat id-9 t'Ottubru, 2008, li permezz tieghu awtorizzat lill-intimat Kevin Bartolo biex jipprezenta r-risposta tieghu, (ara fol 42);

6.0. Rat ir-risposta guramentata ta' Kevin Bartolo datata l-10 t'Ottubru, 2008, li permezz taghha wiegeb is-segwenti:

6.1. Illi l-azzjoni odjerna hi nulla stante li bhala incident tat-traffiku kellha tigi inizjata fic-Centru Malti ghall-arbitragg;

6.2. Illi jrid jigi ippruvat li s-socjeta` attrici giet surrogata fid-drittijiet spettanti lill-assikurat taghha *Zarb Garage Limited*;

6.3. Illi l-incident in dizamina ma sehhx tort ta' l-esponent;

6.4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

7. Rat id-digriet taghha diversament preseduta datat il-25 ta' Novembru, 2009, li permezz tieghu hatret lill-assistent gudizzjarju hemm indikat ghar-raguni hemm indikata, (ara fol 77);

8. Rat id-digriet taghha datat it-22 ta' Jannar, 2013, li permezz tieghu, fuq talba appozita ta' l-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet, awtorizzathom jitrattaw il-kaz bil-modalita` hemm indikata;

9. Ezaminat id-dokumenti kollha esebiti;

10. Ezaminat ix-xhieda mismugha minn din il-qorti diversament preseduta;

11. Ezaminat l-affidavidijiet prodotti;

12. Ezaminat in-noti ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti u ta' l-intimati rispettivament datati t-13 ta' Mejju, u t-23 ta' Mejju, tal-2013;

13. Tirrileva li l-intimat Anthony Theuma ma intavola l-ebda nota ta' sottomissjonijiet;

Ikkonsidrat:

14.0. Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament elenkati bil-mod segwenti:

14.1. Illi fil-31 ta' Lulju, 2006, sehh incident fil-Qasam Industrijali taz-Zejtun li fih *crane* proprjeta` ta' Victor Micallef u ta' *Roc A Go Crane Services Limite*d u operat

minn Anthony Theuma, Salvatore Micallef u Kevin Bartolo, waqa’ fuq il-Mercedes fuq indikata, (ara paragrafu wiehed punt wiehed, (1.1), aktar qabel), proprjeta` ta’ Zarb Garage Limited u assikurata taht polza t’assikurazzjoni komprensiva ma’ *GasanMamo Insurance Limited*;

14.2.Illi fil-mument tal-incident il-*crane* kienet qed tigi operata mill-intimati Theuma, Micallef u Bartolo;

14.3. Illi mid-dokumenti esebiti jirrizulta li s-socjetajiet rikorrenti sofrew is-segwenti danni:

14.3.1. Is-socjeta` *GasanMamo Insurance Limited* sofriet danni fl-ammont ta’ tletin elf u tmienja u erbghin Ewro u tnejn u disghin centezmu, (€30,048.92), ghal hsarat li garrbet l-imsemmija Mercedes li ghamlet tajjeb ghalihom l-istess socjeta` rikorrenti hawn riferita;

14.3.2. Is-socjeta` *Zarb Garage Limited* sofriet danni fl-ammont ta’ tlettax –il elf u disgha mija u sitta u sebghin Ewro u erbgha u ghoxrin centezmu, (€13,976.24);

14.4. Illi fil-gurnata li fiha sehh l-incident fuq indikat il-Mercedes *de quo* kienet fil-post fejn dan sehh ghaliex Emanuel Zarb li kien qed isuq l-istess vettura kellu laqgha f’fabbrika fl-inhawi fejn ipparkja l-vettura tieghu fil-parkegg privat vicin l-istess fabbrika;

14.5. Illi ftit mumenti wara, l-*crane* in dizmaina inqalbet fuq l-istess Mercedes; meta l-operaturi taghha Salvatore Micallef, Bartolo u Theuma fuq gia` indikati kienu qed jippruvaw icaqalqu tank ta’ stazza konsiderevoli mimli diesel, b’Bartolo fuq it-*tank* biex jorbtu, Theuma fuq it-*truck* biex jidderigieh meta t-*tank* jasal fuq it-*truck* u b’Salvatore Micallef responsabbli mill-*crane*;

14.6. Illi in effetti kien l-istess Salvatore Micallef li nizzel l-“*outriggers*” u ippreparah ghax-xoghol li kien ser isir biex inizzlu t-*tank* in dizamina li kien twil bejn ghoxrin (20) u hamsa u ghoxrin (25) pied, (ara fol 87);

14.7. Illi jirrizulta mix-xhieda tal-istess intimat Micallef li hu pogga l-"*outrigger*" direttament fuq it-tarmac u jikkonferma li l-"*plate*" tal-"*outrigger*" ghandha "*plate extra*" aktar wiesgha minn normal, (ara fol 89);

14.8. Illi jirrizulta wkoll is-segwenti:

14.8.1. Illi Salvatore Micallef "kien qed imexxi kollox u hadd ma kien qieghed jaghtih direzzjoni", (ara fol 87);

14.8.2. Illi Salvatore Micallef "kien qieghed jopera l-*hi up* mal-art dak il-hin u il-*hi up* inqaleb fid-direzzjoni opposta tieghu, (ara fol 87);

14.8.3. Illi rigward l-"*outriggers*" tal-istess *hi up* uzat f'din l-operazzjoni li falliet mizerabilment jirrizulta li ghalkemm dawk ta' quddiem inhargu, ma kienux imqieghda sew, u dak ta' wara addirittura la kienu mahruga u lanqas imnizzla sal-art, (ara fol 88);

14.9. Illi ghalhekk meta t-*tank* intrefa', dan, bil-piz tad-diesel li kellu beda jdur b'mod orarju fid-direzzjoni lejn wara tat-*truck* u sussegwentement inqaleb billi l-"*outriggers*" tan-naha tal-passiggier ma kienux mahruga;

14.10. Illi l-allegazzjoni ta' Salvatore Micallef li l-incident in dizamina sehh ghaliex cediet l-art ma ssibx riskontru oggettiv fir-rizultanzi osservati u ghalhekk qed tigi skartata;

Ikkonsidrat:

15.0. Illi rigward l-eccezzjoni preliminari sollevata mill-intimati Salvatore Micallef u Kevin Bartolo li din il-qorti mhix il-forum idoneu ghar-rizoluzzjoni tal-vertenza odjerna izda minflok ghandu jkun ic-Centru tal-Arbitragg li jiddeterminaha stante li dan hu incident tat-traffiku, jinghad sintetikament is-segwenti:

15.1. Illi dan ma huwa incident tat-traffiku xejn izda hu biss incident normali fuq il-post tax-xoghol ikkagunat

minhabba ghagla zejda, kunfidenza improprja u traskuragni immana;

15.2. Illi l-fatti jindikaw li l-intimati kienu inkarigati jgorru *tank* mill-parkegg tal-fabbrika De La Rue billi jerfghu u jpogguh fil-*hi up* li minnu kienu responsabbli;

15.3. Illi in effetti l-uniku moviment riskontrat fil-hin tal-incident kien tal-*crane* fuq l-istess *hi up* – u xejn aktar;

15.4. Illi ghalhekk l-eccezzjoni kif hawn sollevata u fuq riferita ma tistax tigi akkolta, (ara paragrafu numru erbgha punt wiehed, (4.1), u paragrafu numru sitta punt wiehed, (6.1), aktar qabel);

Ikkunsidrat:

16. Illi rigward is-surroga tas-socjeta` rikorrenti din il-qorti hi sodisfatta li din is-socjeta` assikurattrici giet debitament surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha skont kif jidher mid-dokumenti annessi, (ara fol 71 *et sequitur*), specjalment id-*Discharge Note*, (ara fol 71);

Ikkunsidrat:

17.0. Illi rigward id-danni rikjamati mir-rikorrenti jinghad sintetikament is-segwenti:

17.1. Illi l-ammont pretiz mis-socjetajiet rikorrenti hu wiehed lecitu li hu rizultat tal-incident fuq sintetikament deskritt;
17.2. Illi l-ammont ta' danni riklamati ta' tletin elf u tmienja u erbghin Ewro u tnejn u disghin centezmu, (€30,048.92), jirrapprezenta s-somma imhallsa mis-socjeta` *GasanMamo Insurance Limited* lis-socjeta` *Zarb Coaches Limited* kif jirrizulta fl-atti;

Ikkunsidrat:

18.0. Illi ghal dak li ghandu x'jaqsam mar-responsabbilita` legali ghall-akkadut ghandu sintetikament jinghad is-segwenti:

18.1. Illi s-socjeta` intimata *Roc A Go Services Limited* ipprovdiet *hi up* idoneu ghax-xoghol pretiz, *molto piu`* meta jirrizulta assodat li l-"*outriggers*" tieghu kienu wkoll muniti bi "*plates*" akbar minn normal biex b'hekk it-*truck* ikun impjantat b'mod aktar b'sahhtu biex jefa' l-piz intiz;

18.2. Illi l-intimati Theuma u Bartolo ukoll jidhru li esegwew ix-xoghol lilhom assenjat b'korrettezza u skont is-sengha u l-arti;

18.3. Illi jidher li r-responsabbilita` tal-akkadut allura timpingi esklussivament fuq l-intimat Salvatore Micallef li jidher li kien precipituz meta wahdu u minghajr l-ghajnuna tal-kollegi tieghu Theuma u Bartolo li kienu hemm apposta, qabad u ddecieda li seta' jerfa' *tank* twil ghoxrin (20) sa hamsa u ghoxrin (25) pied minghajr ma jankra l-*hi up* sew billi johrog l-"*outriggers*" kollha ma' l-art – haga li jirrizulta li ma ghamilx;

18.4. Illi ghalhekk dan jammonta ghal xoghol traskurat, imprudenti u negligenti ghall-ahhar;

18.5. Illi ghalhekk ghandu jkun l-intimat Salvatore Micallef li jiffaccja l-konsegwenzi t'eghmilu;

**DECIDE:**

19.0. Illi ghaldaqstant, in vista tal-premess din il-qorti hi sodisfatta li s-socjetajiet rikorrenti ipprovaw il-kaz taghhom skont il-ligi, u konsegwentement, filwaqt li takkolji t-talbiet taghhom fil-konfront tal-intimat Salvatore Micallef, tirrespingi l-eccezzjonijiet kollha sottomessi mill-istess intimat Salvatore Micallef u:

19.1. Tiddikjara li l-intimat Salvatore Micallef hu unikament responsabbli ghall-incident in dizamina u ghad-danni minnu kkagunati minhabba traskuragni u negligenza;

19.2. Tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta` rikorrenti *GasanMamo Insurance Limited* fl-ammont ta' tletin elf u tmienja u erbghin Ewro u tnejn u disghin centezmu, (€30,048.92);

19.3. Tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta` *Zarb Garage Limited* fl-ammont ta' tlettax –il elf, disgha mija u sitta u sebghin Ewro u erbgha u ghoxrin centezmu, (€13,976.24);

19.4. Tikkundanna lill-intimat Salvatore Micallef biex ihallas lis-socjetajiet rikorrenti fuq indikati is-somom hekk likwidati fiz-zewg (2) paragrafi precedenti;

19.5. Bl-ispejjez kif indikati fir-rikors promotur u bl-imghaxijiet legali dovuti mid-data ta' l-ittra ufficcjali l-24 ta' Novembru, 2006, sad-data tal-effettiv pagament;

19.6. Tiddikjara finalment li t-talbiet tar-rikorrenti ma gewx pero` ppruvati fil-konfront tal-intimati l-ohra u qieghda ghalhekk tilliberhom mill-osservanza tal-gudizzju.

________________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------